MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 453/2012

**Appell Numru: 453/2012**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Dorianne Scicluna**

Illum, 22 ta' Mejju, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Dorianne Scicluna, detentrici tal-karta tal-Identita bin-numru 187776M talli:

Meta b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru 1- istess disposizzjoni tal- Ligi u ii gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, minn Awwissu 2011 sa Dicembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti

jew marbut bi!- kuntratt naqset li taghti lil Mario Scicluna u/jew lill- ulied is- somma ffissata minn dik i1- Qorti jew stipulata bil- kuntratt bhala mantenirnent ghalih u/jew ghall- ulied fi zmien 15- il jurn minn dak il- jum li fih skont dik l-ordni jew dak il kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (z)., 18 tal- Kapito!u 9 tal- Ligijiet ta' Malta sabet lill- imputata hatja u kkundannatha xahar prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Dorianne Scicluna pprezentat fl-10 ta' Ottubru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata, fis-sens illi filwaqt illi tikkonferrna dik il-parti tas-sentenza feju sabet lill-appellanti hatja ta' 1-akkuza, thassar u tirrevokaha dik il-parti fejn ikkundarinat lill-appellanti ghal xahar prigunerija effetiva u timponi piena iktar mita u idonja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellanti u cioe':-

Illi fir-rigward tal-piena, certament fic-cirkostanzi l-piena hija wahda eccessiva.

Illi b'kull dovut rispett lejn l-ewwel Qorti din naqset li tapprezza illi l-appellanti ma hallsitx il-manteniment in kwistjom mhux kapriccozament imma ghaliex sabet ruhha fl-impossibilita fnanzjarja li taghmel dan tenut kont illi minn relazzjoni ohra li bdiet ricentement ma' terz hija kellha zewgt itfal ohra, wahda minnhom li ghandha biss ftit xhur, u kellha tieqaf tahdem.

Illi l-appellanti pero hadet il-passi kollha sabiex iggib dan kollu a konjizzjoni tal-Qorti li quddiemha hemm il-kawza ta’ separazzjoni. Fil-fatt hija ppresentat rikors fejn talbet ir-revoka tad-digret tal-manteniment izda dana gie michud u ippresentat rikors iehor biex tigi awtorizzata tappella mill-istess digriet. Illi ghalhekk wiehed ma jistax jghid illi l-appellant m’ghamlet xejn minn naha taghha u naqset li thallas sempliciment b’kapricc.

Illi in oltre ghandu jinghad ukoll illi din kienet l-ewwel kwerela kontra l-appellanta fuq nuqqas ta’ pagament ta’ manteniment. Irrizulta wkoll illi waqt il-proceduri ta separazzjoni pjuttost ikkontestati il-kwerelant ilu izomm lill-appellanti milli jkollha access ghal dawn it-tfal ghal madwar sena. Fil-fatt fi proceduri simili mehuda fil-konfront tal-kwerelant fuq ksur ta’ l-artikolu 338(11) li gew decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Gunju, 2011, huwa instab hati u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Din is-sentenza giet ikkonfermata minn din il-Qorti fit-2 ta’ Fran 2012.

Illi dan nonostante l-appellanti xorta wahda sa’ fejn setghat ghamlet sforz biex thallas il-manteniment u fil-fatt dejjem hallset sa’ Settembru 2011. Ghalhekk qed jigi umilment sottomess li l-ewwel Qort ma haditx dan il-fattur in konsiderazzjom meta giet biex tinfliggi l-piena ta’ prigunerija effettiva, oltre l-fatt illi l-akkuza kienet tkopri perjodu relattivament qasir, minn Awwissu 2011 sa Dicembru 2011, cioe hames xhur.

Illi apparti minn hekk il-piena karcerarja m’hijiex wahda adatta f’dawn ic-cirkostanzi tenut kont illi l-appellanta hija omm ta’ zewgt tit-tfal ohra zghar, wahda minrihom ta’ 5 xhur liema tfal jiddependu ghal kollox fuqha.

Illi in oltre, l-appellanti ilha tipprova titransigi l-kawza ta’ separazzjoni bejnha u bejn ir-ragel u b’komunikazzjoni kostanti bejn iz-zewg avukati tal-partijiet. Fil-fatt irrizulta waqt il-provi illi saret proposta min-naha taghha fis-sens illi tirrinunzja ghal sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti

minflok manteniment. B’intransigenza kbira r-ragel taghha ma accettax.

Illi dawn il-fatturi kollha kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni biex tigi mitigata l-piena.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mil-provi illi permezz ta’ digriet tat-2 ta’ Frar, 2010 il-Qorti tal-Familja kienet ikkundannat lill-appellanti li thallas l-ammont €117 kull xahar ghal kull wild minuri illi hija kellha mal-parti civili Mario Scicluna.

Bejn Awwissu tal-2011 u Dicembru 2011 l-appellanti naqset illi thallas dan l-ammont u filwaqt li ikkonfermat dan in-nuqqas qalet illi ma kellhix mezzi bizzejjed sabiex thallas u kienet talbet il-Qorti tal-Familja sabiex jigi rivedut il-manteniment pagabbli minnha izda dik il-Qorti kienet cahdet it-talba taghha.

L-Ewwel Qorti korrettement argumentat li l-iskuza tal-appellanti ma kienx jintitolha li arbitrarjament tiddeciedi illi ma thallasx dak l-obbligu illi kien gie impost fuqha u rriferiet ghal diversi sentenzi fejn gie stipulat illi l-fatt li persuna tisfa bla xoghol ma jiskuzajiex mill-obbligu taghha li wettaq id-digriet tal-Qorti.

Din il-Qorti m’ghandha xejn x’ticensura mill-argumenti tal-Ewwel Qorti kemm dawk legali kif ukoll dwar dawk fuq il-meritu u kienet legalment u ragjonevolment korretta meta sabet lill-appellanti hatja dwar il-meritu u kkundannataha ghal xahar prigunerija.

L-aggravju tal-appellanti fil-fatt qieghed dwar il-piena peress illi jidhrilha illi fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva. Argumentat illi l-manteniment ma thallasx mhux kapriccozament izda ghaliex sabet ruhha fl-impossibilita` finanzjarja li taghmel dan tenut kont illi kellha relazzjoni ohra illi minnha kellha zewgt itfal. Wahda minnhom ghandha biss ftit xhur u l-appellanti kellha tieqaf tahdem.

Ikkunsidrat

Kif tajjeb spjegat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha din ir-raguni mhijiex wahda valida u l-Qrati taghna dejjem insistew fuq l-osservazzjoni d-digrieti tal-Qorti kif ukoll l-obbligi assunti minn stipulazzjonijiet kuntrattwali. Fil-fatt fil-kawza "Il-Pulizija vs Alfred Camilleri" deciza fit-18 ta' Settembru 2002 il-Qorti qalet ***"......il-fatt li persuna tisfa bla xogholma jiskuzajiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet ……."***

Jidher li dan l-insenjament ma sfuggiex lill-appellanti l-ghaliex fil-mori ta' dawn il-proceduri hallset l-arretrati li kienu dovuti lil parti leza.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2013 deher Mario Scicluna, l-parti leza, fejn iddikjara illi huwa ircieva l-flus kollha dovuti mill-appellanti u li ma kellhux aktar pretenzjonijiet kontra taghha ghal dak li jirrigwarda din il-kawza.

Ovvjament din l-istqarrija ma' taghmel l-ebda differenza ghad-dikjarazzjoni ta' htija illi tibqa` wahda legalment valida peress illi l-appellanti naqset mill-obbligi taghha skond id-digrieti tal-Qorti tal-Familja, pero` l-Qorti jidhrilha li ladarba sar il-hlas hemm lok ghal temperament fil-piena.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza "Il-Pulizija vs Publius Said" deciza fil-25 ta' Settembru 2003 fejn qalet ***" l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1993 (bl-emenda 1986), kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi xi ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi***

***tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena …….”***

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha, thassar u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti ghal xahar prigunerija u minflok tillibera lill-appellanti taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------